**164. Il-Ministru tal-Finanzi l-Onor. George Bonello Du Puis jipproponi**:

Billi hemm provdut fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 3 tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kapitolu 93 tal-Liġijiet ta' Malta) illi l-President ta' Malta jista', minn żmien għal ieħor, jagħmel, ibiddel u jħassar ir-regolamenti dwar il-għoti ta' pensjonijiet, gratifikazzjonijiet u allowances oħra lil persuni li kienu fis-servizz ta' Malta jew lir-rappreżentanti legali jew dipendenti tagħhom;

U billi hemm provdut ukoll fis-subartikolu (4) tal-artikolu 3 tal-Ordinanza fuq imsemmija illi ebda regolament magħmul taħt l-istess artikolu 3 ma għandu jkollu effett kemm-il darba ma jkunx irċieva minn qabel l-approvazzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentantu mgħarrfa b'riżoluzzjoni;

U billi din il-Kamra tirritjeni illi huwa opportun li jsiru r-regolamenti hawn taħt imsemmija;

Għalhekk dina l-Kamra tapprova r-regolamenti tal-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet li jinsabu annessi ma' din ir-riżoluzzjoni.
.

11.07.1989